MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' April 2017**
**(Distrett Qawra)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Emanuel Lanzon**
**(ID: 3565M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Emanuel Lanzon** talli:

1) Fit-22 ta' April 2016 għall-ħabta ta' nofsillejl neqsin kwart (11:45p.m.) waqt li kien fi Triq il-Korp tal-Pijunieri limiti San Pawl il-Baħar, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe` lis-Surġent 148 Denise Camilleri u oħrajn, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenzja, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, ai termini tal-Artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta’ vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f’post pubbliku ieħor jekk ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi, ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4) Aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi irrifjuta jew naqas milli jagħti kampjun tan-nifs tiegħu wara li kien avżat li dak in-nuqqas jew rifjut kien reat, ai termini tal-Artikolu 15E(4) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5) Aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, uża vettura bil-mutur fit-toroq meta ma kienx hemm fis-seħħ polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta’ Malta;

6) U aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, u fil-ġimgħat ta’ qabel b’kitba, tpinġija jew b’mod ieħor, biddel, ħassar, sfigura jew żied xi ħaġa f’liċenzja tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BOV-595, jew qiegħed fuq vettura diska ta’ liċenzja li kienet ġiet mibdula, kienet tħassret, kienet ġiet sfigurata jew li ġie miżjud xi ħaġa fiha, ai termini tal-Artikolu 44(3) tal-A.L. 198 tal-2009.

7) Talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, involontarjament ikkaġuna offiża ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Seifeddin Sayed detentur tal-karta tal-identita’ numru 27407(A) skont kif iċċertifikat it-Tabib Rebecca Galea (Med. Reg. 3482) mill-Isptar Mater Dei, ai termini tal-Artikolu 226(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

8) Aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, ħabat ma’ żewġ vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni JBG-754 u KBT-916 rispettivament u involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta’ Maria Fatima Cachia ID: 312071(M) u Ġużeppi Buġeja ID: 310355(M) rispettivament, ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

9) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita` jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u fixkilhom waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom,

skont il-liġi, ai termini tal-Artikolu 338(ee), tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10) U fl-aħħarnett talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika; ai termini tal-Artikolu 338(bb), tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

11) Fl-aħħarnett talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, ai termini tal-Artikolu 338(ff), tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli timponi piena skont il-liġi, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu liċenzja tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-affidavit ta' WPS 148;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu fis-seduta tad-9 ta' Frar 2017, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti taghtu zmien jerga' jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u fid-dawl ukoll tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni dawn huma ppruvati.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'ghadd ta' reati li kollha huma konnessi ma incident li gara gewwa San Pawl il-Bahar meta l-imputat kien qieghed isuq vettura taht l-effett tax-xorb. F'dan l-incident garrbu hsara ghadd ta' vetturi ta' terzi u wkoll indarab hafif persuna ohra.

Illi jirrizulta illi wara dan l-incident l-imputat gharaf li ghandu problema tax-xorb u fittex l-ghajnuna tas-Substance Misuse Treatment Unit.

Illi l-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li r-reati mwettqa mill-imputat huma gravi u li hafna minnhom igorru pieni ta' multi mhux zghar u pieni karcerarji, sejra taghti lill-imputat l-opportunita` li jkompli jahdem fuq dak li beda biex jeghleb il-vizzju tax-xorb u ghaldaqstant mhux se timponi piena karcerarja effettiva.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikolu 95, 226 (1) (c), 328, 338 (bb), 338 (ee) u 338 (ff) tal-Kodici Kriminali, artikolu 15 (1), 15A, 15E (4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 44 (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 , qieghdha tiddikjara lill-imputat **Emanuel Lanzon** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal **sena prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qieghdha tigi sospiza ghal zmien sentejn.** Tikkundannah ukoll ghall**-hlas ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900) u tiskwalifikah milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar min nofs-il lejl tal-lum.**

Il-Qorti qieghdha wkoll tqieghed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' sentejn (2) u dan a tenur tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur